MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2006

Numru. 712/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Raymond Cassar)**
**vs**
**Steven Joseph Caruana**

**Illum, 24 ta' Lulju, 2006**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-pulizija kontra Steven Joseph Caruana, ta' 19-il sena, imwieled Pieta fit-12 ta' April, 1987 iben Joseph Carmel u Antonia nee' Mifsud u residenti fil-fond numru 30, Blossom, Triq l-Ewwel ta' Jannar 1626, Ghaxaq detentur ta' Karta ta' Identita' numru 180187M fejn gie akkuzat talli:

a. Nhar il-21 ta' Lulju, 2006, ghall-habta tat-tlieta u kwart ta' filghodu f'Birzebbuga holoq jew geghel li donnu hemm fatt jew cirkostanzi sabiex dan il-fatt jew cirkostanza, jkunu jistghu jiswew bi prova kontra persuni

ohra, bil-hsieb li b'hekk dawk il-persuni jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta' reat;
b. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ddenuzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Semghet id-dikjarazzjoni ta' htija ta' l-imputat;

Fuq l-iskorta ta' din id-dikjarazzjoni, wara li rat l-Art. 101(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' detenzjoni ta' hamest ijiem.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------